GUDJA

Minuti għall-erbgħa u ħamsin (54) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 t'Ottubru 2012 fis-5.45p.m. Din il-laqgħa kienet msejħa b'urġenza.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Assenti: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Preżenti waqt din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sur Joseph Zarb u s-Sur Alfred Pace li ġew għal-laqgħa bħala rappreżentanti tar-residneti li għamlu petizzjoni dwar il-ħtieġa li jkun hemm soluzzjoni xierqa għall-problemi ta' parkeġġ għar-residenti tal-Gudja.

Agenda:-

1. Implimentazzjoni tal-iskema dwar Parkeġġ Residenzjali ġewwa l-Gudja (ittra ta' Trasport Malta datata 28 ta' Settembru 2012)

2. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u persuni kollha preżenti.

**1.0 Implimentazzjoni tal-iskema dwar Parkeġġ Residenzjali ġewwa l-Gudja (ittra ta' Trasport Malta datata 28 ta' Settembru 2012)**

1.1 Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill għamel ir-rappreżentazjonijiet tiegħu ma' Trasport Malta u dwar dak li approvat TM dwar din l-iskema ta' ipparkjar għar-residenti tal-Gudja f'dawn it-toroq msemmija:-

Triq Ħal Resqun
Triq De Warsbergh
Triq Bir Miftuħ
Triq Pietru Gagliardi
Triq iż-Żebbuġa
Triq San Pawl
Triq il-Fidwa
Triq San Mark

Ħinijiet:-

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00pm sal-10.00pm
Sibtijiet u Ħdud u Festi Pubbliċi mill-10.00am sas-2.00pm u mis-6.00pm sal-10.00pm

90minuta parkeġġ
Ma tistax terġa lura u tipparkja fi żmien siegħa (60 minuta)

Il-Kunsill iddiskuta l-qagħda ta' Triq wara l-oħra u wara d-diskussjoni li ħadu sehem fiha dawk kollha preżenti, il-Kunsill b'mod unanimu iddeċieda kif sejjer jingħad hawn taħt:

1.2 Triq Ħal Resqun Il-Gudja:-

L-iskema ta' ipparkjar tibda mit-Triq il-Fidwa sar-Razzett fit-tarf ta' din it-triq (fejn il-Kunsill għamel il-platform tal-konkos). Din il-parti tat-triq issir għar-residenti biss fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Dawn il-parking bays jiġu miżbugħa b'kaxxi blu.

Fuq in-naħa tar-razett 'tat-tumajs' issiru tlett parking bays għal użu ta' kulħadd bla limitu tal-ħin u jiġu miżbugħa b'kaxxi bojod.

Fi Triq Ħal Resqun (fejn tagħlaq u li tiżbokka ma' Triq Bir Miftuħ) għandha ukoll tidħol f'din l-iskema ta' parkeġġ iżda dan jiġi indikat biss billi jsiru tabelli biss u ma jsirux sinjali fuq l-art.

Il-parking fuq in-naħa tar-razzett tiġi addatata l-iskema ta' parkeġġ residenzjali fuq in-naħa tal-bini biss.

1.3 Triq De Warsbergh Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkostanzi ta' din it-triq għandhom isiru biss żewġ (2) tabelli fuq kull naħa tat-triq u kaxxi xejn.

1.4 Triq Bir Miftuħ Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li quddiem iż-żewġ naħat ta' din it-tirq, preċiżament fejn hemm il-bini, isiru parking spaces blu u għalhekk dawn in-naħat ta' triq ikunu taħt l-iskema tal-parkeġġ.

1.5 Triq Pietru Gagliardi Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li jkun hemm kaxxi blu fuq in-naħa tal-bini. Il-Kunsill iddeċieda li fuq in-naħa tat-triq li tmiss mal-Ġnien Raymond Caruana ma jkunx hemm kaxxi ta' parkeġġ.

1.6 Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li jkun hemm kaxxi blu fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

1.7 Triq San Pawl, Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li jkun hemm parking spaces bojod mal-parti tat-triq li tiġi kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġa (qrib il-binja ta' Caruana). Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi għandhom isiru żewġ parking spaces bojod fuq in-naha tat-Triq il-Fidwa.

1.8 Triq Il-Fidwa, Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li Triq il-Fidwa tkun kollha parkeġġ għar-residenti skond l-iskema.

1.9 Triq San Mark Il-Gudja.

Il-Kunsill iddeċieda li jsiru kaxxi bojod man-naħa tal-iskola liema parking spaces ikunu għad-dispożizzjoni kull ħin kemm għar-residenti kif ukoll għal dawk li mhux residenti tal-Gudja mingħajr limitu tal-ħin, minn Triq iż-Żebbuġa ghal parti ta' ġewwa ta' Triq San Mark lejn Triq il-Fidwa ikunu kollha għar-residenti.

1.10 Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi l-parking spaces mill-katuniera ta' Triq iż-Żebbuġa sal-katuniera ta' Triq il-Magħsar għandhom ikunu għar-residenti kull ħin u għal dawk li mhux residenti hemm il-limitazzjoni tal-ħin skond l-iskema.

1.11 Il-Kunsill għamilha ċara li l-limitazzjoni tal-ħin ta' parkeġġ togħod biss għal min jipparkja l-karozza u li ma jkunx residenti fil-Gudja ghaliex ir-residenti tal-Gudja jistgħu ikomplu jipparkjaw il-vetturi tagħhom fl-ispazju kollha bla limitazzjoni tal-ħin.

1.12 Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru t-tabelli meħtieġa sabiex jindikaw sewwa dawk l-inħawi fejn tkun qed topera l-iskema ta' parkeġġ għar-residenti.

**2.0 Għeluq tal-laqgħa**

2.1 Peress li l-materja li għalija ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.30 sine die.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Esekuttiv | Sindku |

Approvati: _______________